MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 203/2003

**L-Ingineer Emanuel Farrugia**

**Vs**

**L-Editur Felix Agius
u deputat Editur Saviour Cachia
u b'digriet tal-Qorti tas-26 ta' Mejju, 2003 gew kancellati l-kliem
'u deputat Editur Saviour Cachia'**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-8 ta' April, 2003 fejn talab lil din il-Qorti tiddikjara li l-artiklu intitolat "Gvern tal-Hbieb: Sptar fid-Dell ta' Skandli Kbar" li deher fil-harga tal-gazzetta Kullhadd tas-6 ta' April, 2003 esebita u mmarkata Dok. A huwa malizjus u malafamanti ghar-reputazzjoni ta' l-attur u libellus skond il-ligi, u konsegwentement ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas lill-attur dawk id-danni li jigu likwidati minn dina l-Qorti a

tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema danni ghal fini ta’ kompetenza gie dikjarat li ma jeccedux il-hamest elef lira Maltin (Lm5,000);

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ma pprezentax eccezzjonijiet ghat-talba ta’ l-attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu, trid tikkummenta dwar il-kontumacja tal-konvenut. Din il-kelma gejja mil-Latin ‘contumelia’ li tfisser insult. Fil-kawza Joseph Vella noe vs John Vella, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-21 ta’ Mejju, 1993 qalet, “L-istitut tal-kontumacja, kif, del resto tfisser il-kelma, huwa bbazat fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tieghu wera’ contumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut bl-avviz, citazzjoni, rikors, libell jew petizzjoni, u hija din id-disubbidjenza, animata psikologikament b’dawk il-fatturi ta’ contumelia u dispett, li l-ligi trid tirerprimi u timpunixxi, in kwantu contumelia bhal dik hi element ta’ dizordni socjali. Dan gie ricentement ribadit minn din il-Qorti (Sede Civili) fis-sentenza taghha ta’ l-14 ta’ Jannar, 1993 fl-ismijiet Pauline Grech noe vs Nazzareno Zammit.”

Quindi l-konvenut f’din il-kawza bil-kontumacja tieghu wera’ dispett lejn il-Qorti u bhala tali jrid jerfa’ l-konsegwenzi ta’ ghemilu, li jinkludu fost ohrajn in-nuqqas ta’ smiegh tieghu u provi minnu migjuba.

Fil-kawza Dr Christopher Muscat vs Raymond Bugeja noe, deciza mill-Prim’Awla fis-16 ta’ Marzu, 1999 inghad illi wahda mill-proceduri essenzjali li trid tigi segwita mill-konvenut f’kawza, hija li jipprezenta eccezzjonijiet tieghu fit-terminu moghti mil-Ligi. Jekk ma jaghmilx hekk, il-konvenut ikun baqa’ kontumaci, li tfisser li l-Qorti timxi u

tghaddi ghas-sentenza minghajr ma tisimghu u toqghod biss fuq il-provi prodotti mill-attur.

Ghalhekk, f'din il-kawza il-Qorti sejra taghmel proprju hekk u tghaddi biex tiddecidiha biss fuq il-provi migjuba mill-attur.

Ikkunsidrat:

L-attur xehed illi fil-gazzetta "Kullhadd" li taghha l-konvenut huwa l-editur, fil-harga tas-6 ta' April, 2003 taht it-titolu "Gvern tal-hbieb: Sptar fid-Dell ta' Skandli Kbar" semma lill-attur fil-kuntest ta' skandli kbar meta gie allegat illi naqas li jiddikjara konflitt ta' nteress meta fil-fatt kellu. L-attur hassu malafamat b'din id-dikjarazzjoni.

Irrizulta mill-provi illi huwa veru li l-attur kellu ishma fil-kumpanija PPB.  Dawn l-ishma kienu minoritarji, izda huma x'inhuma, l-kumpanija ma ghamlitx xoghol ghall-isptar.  Dana l-ghaliex skond id-dokument tat-*tender*, il-kumpanija ma kinitx f'posizzjoni li tikkwota peress illi ma seghetx timmanifattura dak illi gie mitlub (fol. 18).

Il-kumpanija Elbros ukoll kellha ishma f'din il-kumpanija PPB u peress illi l-Elbros kienu nteressati illi ghamlu xi *joint venture* ma' hadiehor, l-attur dehrlu li kellu jizvela l-interess illi kellu fil-kumapnija PPB ma' l-amministraturi ta' dak iz-zmien u cioe ma' Philip Rizzo u Dr. Andre Camilleri, illi qalulu illi seta' jkompli miexi bix-xoghol tieghu fil-Bord ta' l-Evalwazzjoni ghal xogholijiet ta' l-isptar fejn ghal habta ta' Novembru u Dicembru 1993, kellhom il-kompitu jaraw liema kienu dawk il-kumpaniji illi setghu jipprovdu servizzi partikolari lill-isptar.  Minn hemmhekk johorgu t-*tender documents* biex min ghandu nteress ikun jista' jipprovdi s-servizzi mitluba.  Zgur pero' li dawn is-servizzi qatt ma nghataw minn xi kumpanija illi fiha kellu nteress l-attur.

Ghalhekk, huwa hassu ngurjat bl-artiklu, u jghid illi tpogga f'dell ikrah man-nies illi jafuh kemm lokalment u anki fl-esteru fejn jahdem.

Il-Qorti hija sodisfatta illi kif inhu mpustat l-artiklu minn jaqrah jifhem illi l-attur ghamel xi haga rregolari fil-qasam tax-xoghol tieghu, jew abbuza minn xi opportunita' moghtija lilu meta dana ma kienx minnu.

Fil-kawza Il-Pulzija vs Onor. Perit Michael Falzon deciza mill-Appell Kriminali fil-15 ta' Dicembru, 1977 intqal illi, "Huwa wkoll stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi gudikant ghandu jara dak illi ragunevolment jifhem il-qarrej ta' ntelligenza ordinarja, it-test tal-karattru libelluz o meno ta' l-artiklu jikkonsisti fl-impressjoni li jhalli l-artiklu fuq il-qarrej ordinarju."

Ma hemmx dubju li l-impressjoni li jhalli dan l-artiklu huwa illi l-attur abbuza mill-posizzjoni vantaggjuza tieghu meta dan irrizulta illi mhuwiex minnu. Evidentement il-konvenut ma qadx jivverifika sew l-affarijiet qabel ma nkiteb dan l-artiklu.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu u jisthoqqlu kumpens ghal dak illi nkiteb.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, tiddikjara illi l-artiklu ntitolat "Gvern tal-Hbieb: Sptar fid-Dell ta' Skandli Kbar" ppubblikat fil-harga tal-gazzetta "Kullhadd" tas-6 ta' April, 2003 bhala ngurjuz u malafamanti ghar-reputazzjoni ta' l-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur l-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-

konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------